MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## GIANNINO CARUANA DEMAJO

Seduta tal-25 ta' Frar, 2005

Citazzjoni Numru. 1010/2000/1

**Simonds Farsons Cisk plc**

**Vs**

**Ulrich Helledie**

Il-Qorti,

Rat ic-citazzjoni li biha s-socjeta` attrici, wara li qalet:

Illi l-konvenut xtara kwantita’ ta’ minerali, birra, ilma u diversi prodotti ohra tad-ditta Simonds Farsons Cisk plc. ‘on credit’ mid-ditta attrici u hallas ghal dan il-prodott minn zmien ghal zmien;

Illi l-konvenut ghad fadallu jhallas lid-ditta attrici s-somma ta’ LM1,441.69 bilanc fuq il-prezz ta’ bejgh

ta’ diversi prodotti lilu mibjugha u konsenjati ghall-uzu mill-konvenut fl-istabbiliment ‘String’s Music Club’, Bahar ic-Caghaq; u

Illi l-konvenut ma ghandu ebda eccezzjoni xi jressaq kontra t-talba ghall-hlas tal-imsemmija somma.

Talbet illi din il-Qorti:

Previa d-dispensa tas-smigh tal-kawza in vista tad-dikjarazzjoni guramentata tal-attur u ai termini tal-artikolu 167 tal-Kodici tal-Organizazzjoni u Procedura Civili –

1. Tikkundanna lill-konvenut ihallas lid-ditta attrici s-somma ta’ LM1,441.69 (elf, erba’ mija u wiehed u erbghin liri Maltin u disa’ u sittin centezmi) rappresentanti l-bilanc fuq prezz ta’ diversi prodotti tad-ditta attrici lilu mibjugha u konsenjati,

Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-Ittra Ufficjali tas-6 ta’ Marzu, 2000, u bl-imghaxijiet legali mid-data tal-imsemmija Ittra Ufficjali, kontra l-konvenut.

Rat ukoll l-*affidavit* mahluf minn Dr Andre’ Camilleri u rat id-dokumenti u l-atti kollha fil-process.

Rat illi c-citazzjoni u l-avviz tas-smigh kienu notifikati lill-konvenut fiz-zmien li trid il-ligi, izda, il-konvenut baqa’ ma weriex raguni tajba ghala ghandu jithalla jikkontesta l-kawza.

Billi ghalhekk l-artt. 167 *et seqq*. tal-Kodici ta’ Organizzazzjoni u Procedura Civili jridu li s-sentenza tinghata llum stess bid-dispensa tas-smigh, il-Qorti taqta’ l-kawza billi tilqa’ t-talbiet maghmula fic-citazzjoni, bl-ispejjez.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------